TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 313/10

**Rita Cauchi**

**vs**

**Made in America**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Awwissu , 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija u sitta w erbgħin ewro, u disgħa u ħamsin ċenteżmi (€546.59), rappreżentanti prezz ta' trattament li kellha tħallas minħabba l-krema li applikat ma kinitx tajba għal wiċċha.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat krema għal wiċċha sabiex jitnaddaf il-wiċċ u wara li applikat il-krema, wiċċha tkemmex u għamlilha sinjali fondi. Kellha bilfors tmur għal trattament sabiex is-sitwazzjonni tiġi regolarizzata u wiċċha jerġa' jiġi kif kien.

L-intimat issottometta bil-miktub illi l-prodott ma kien fih xejn ħażin u ppreżenta dokumenti bl-Ispanjol, fejn qed jgħid illi l-prodott huwa '*CE Approved*'.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, ra r-ritratti u ra d-dokumenti bl-ispanjol illi għat-Tribunal ma jfissru xejn, għax qed jippretendi illi fl-ewwel lok għandhom ikunu almenu trodotti bl-Ingliż u fit-tieni lok ma juri xejn illi dawn huma approvati mill-Unjoni Ewropea.

Kif ukoll wara li ra r-ritratti, t-Tribunal jikkonkludi li l-krema ma kinitx tajba għar-rikorrenti u l-intimat m'avżha xejn bil-konsegwenzi li jistgħu ma jkunux tajbin għaliha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' ħames mija u sitta w erbgħin ewro, u disgħa u ħamsin ċenteżmi (€546.59), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**